**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 19 ta' Jannar, 2022**

Numru 22

**Appell Nru. 23/2021**

**Alfred Zarifa**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Zarifa tal-24 ta' Gunju 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Gunju 2021 li cahdet l-appell minn kondizzjoni imposta fil-permess ta' zvilupp PA10751/17 'to sanction internal and external alterations, additions, removal of dilapitated rubble walls and reconstruction of new rubble walls, forming of new openings, paths and structures from as approved in PA924/12 plus subdivision of existing residence into two separate residences' f'Hal Lija;

L-Awtorita irrispondiet billi talbet li l-appell jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell huwa kontra l-impozizzjoni ta' multa ta' Eur50,000 fil-konfront tal-hrug ta' permess mhux ezegwibbli PA 10751/17 li jittratta sanzjonar ta' varjazzjonijiet mill-permess tal-izvilupp PA 924/12 li jinkludu alterazzjonijiet interni u esterni, estensjonijiet, tnehhija u rikostruzzjoni ta' hitan tas-sejjieh dilapidati, iffurmar ta' fethiet godda, moghdijiet u strutturi. Is-sit jinsab barra z-zona tal-izvilupp, f'zona maghruga bhala 'Hal Mann', fil-lokalita' ta' Hal-Lija.

Illi dan l-ammont dovut gie impost mill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-post-decision requirements qabel il-hrug tat-tali permess ezegwibbli fejn gie mitlub hekk kif gej [Dok. 170A fl-inkartament ta' PA 10751/17]:
The following matters are to be settled prior to issue of the executable permit: The payment of a fine to the value of EUR50000.00. This fine is applied in accordance with the Development Planning Act 2016, Article 103(6), since you have committed an offence against the provisions of the Act; which fine is being applied only for that part of the infringement which has been approved, namely infringement on site.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant jargumenta li l-ammont dovut huwa eccessiv u jimmerita' temperament abbazi tassegwenti aggravji:
1. Il-multa giet imposta b'mod totalment diskrezzjonali minghajr ebda argument u raggjonament kwantu l-ammont kalkulat u impost;
2. Ma jirrizultax jekk ittehdietx konsiderazzjoni tal-fatt li l-infrazzjonijiet kienu ta' entita` ezigwa hafna kemm fl-essenza taghhom u aktar meta komparati mal-entita' tal-izvilupp shih;
3. Ma jirrizultax jekk ittehdietx konsiderazzjoni tal-fatt li l-infrazzjonijiet kienu facilment sanzjonabbli tant li gew effettivament sanzjonati; u
4. Ma jirrizultax jekk ittehdietx konsiderazzjoni tal-fatt li l-multa ghandha dejjem tkun proporzjonata mal-infrazzjoni li tkun sehhet.

Illi fir-risposta taghha l-Awtorita' baqghet ferma fid-decizjoni taghha u targumenta li gialadarba l-appellant qed jipproponi talba ghal sanzjonar ta' zvilupp illegali, li huwa suggett ghall-avviz ta' nfurzar EC001/15, l-istess Awtorita' kienet korretta li tapplika lprovvedimenti tal-Artikolu 103(6) tal-Kapitlu 552. L-Awtorita' zzid li l-avviz ta' nfurzar ikopri multa ghal kull gurnata akkumulata skond Kategorija 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012 u tghid li gialadarba l-appellant ghazel li jissottometti applikazzjoni ta' sanzjonar li giet accettata mill-Awtorita', l-istess appellant huwa responsabbli wkoll ghal multa amministrattiva kalkolata skont iddispozizzjonijiet tal-Avviz Legali 277 tal-2012. Konsegwentament, peres li skont l-Avviz Legali 276 tal-2012 l-appellant huwa dovut li jhallas multa wahda biss li tkopri l-massimu impost, f'ittra mibghuta mill-istess Awtorita' fis-7 ta' Mejju 2019, l-appellant kien mitlub biex ihallas il-hlas dovut hekk kif impost f'EC001/15.

Ikkunsidra;
Illi permezz tal-aggravji mressqa, l-appellant jirribatti l-impozizzjoni tal-multa ta' Eur50,000 mill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-konfront ta' zvilupp illegali hija eccessiva u timmerita temperament. L-appellant jargumenta li ma gie pprovdut l-ebda ragunament rigward kif l-

ammont gie kalkolat u lanqas ma jirrizulta jekk ittehdietx konsiderazzjoni li l-izvilupp huwa ta' natura ezigwa u facilment sanzjonabbli, jew li l-multa ghandha tkun proporzjonata mal-infrazzjoni.

Illi fl-ewwel lok, u minn analizi tal-inkartament tal-applikazzjoni odjerna, dan it-Tribunal jinnota li l-impozizzjoni tal-multa sanatorja giet irtirata mill-Awtorita' tal-Ippjanar stante li l-izvilupp li qed jigi sanzjonat huwa diga` suggett ghall-avviz ta' nfurzar EC001/15 li jkopri multa massima ta' Eur50,000 ghal kull gurnata akkumulata, skond Kategorija 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012 dwar Multi ghal Kull Gurnata (daily fines) [Dok. 13 fl-inkartament ta' EC 001/15]. Hawnhekk, it-Tribunal jinnota li l-Awtorita' kienet korretta li tapplika l-provedimenti tal-Avviz Legali 276 tal-2012, fejn Regolament 2 li fir-rigward ta' multi ghal kull gurnata jispecifika dan li gej:
il-multa għandha tiġi imposta bla ħsara għal xi multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorità taħt iddispożizzjonijiet tal-Att, u għandha tkun soġġetta għal multa ta' mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000):
Sakemm illi jekk xi multa tkun dovuta wara l-għoti mill-Awtorita` ta' xi permess li jkopri l-iżvilupp fir-rigward ta' liema żvilupp ikun inħareġ xi avviż, il-multa għal kull ġurnata akkumulata jew il-multa sanatorja biss, liema minnhom tkun l-għola, għandha tiġi mposta.

Illi fil-kaz odjern, l-ammont dovut tal-multa sanatorja skont il-kalkolu tal-Awtorita' huwa l-istess ammont dovut fil-penali tal-multa ghal kull gurnata u li qed ilahhaq il-massimu tieghu ta' Eur50,000. Ghaldaqstant, u skont dak li jesigi r-Regolament supra-citat, permezz tal-ittri datati 7 u 10 ta' Mejju 2019 [Dok. 190A u 198A fl-inkartament ta' PA 10751/17], l-Awtorita' infurmat lill-appellant li l-multa sanatorja qed tigi rtirata u minflok lapplikant ghandu jhallas l-ammont dovut ghall-multa ta' kuljum hekk kif imposta fl-avviz ta' nfurzar EC001/15, b'referenza ghal numru ta' tax invoices [Dok. 189A – 189D fl-inkartament ta' PA 10751/17]li jridu jigu mhallsa mill-appellant qabel il-hrug tat-tali permess ezegwibbli. Illi l-Awtorita' kienet korretta li timponi l-hlas tal-multa ghal kull gurnata, gialadarba din kienet l-ghola multa dovuta marbuta mal-propjeta' odjerna.

Ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, dan it-Tribunal qieghed jichad l-appell, u jikkonferma l-multa mposta mill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-konfront tal-permess mhux ezegwibbli PA10751/17.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant hu fis-sens illi t-Tribunal injora l-aggravji tal-appellant cioe li impozizzjoni ta' multa tigi applikata fl-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, u li ghalhekk trid tkun gusta, mhux oppressiva u anqas sproporzjonata ghall-illegalita kommessa. Il-fatt li t-Tribunal lanqas biss semma l-aggravju imur kontra d-dritt ta' smigh xieraq u cahhad lil appellant milli jkun jista' jappella fuq il-motivazzjoni tac-cahda ghall-aggravji. Izid li multi punittivi jistghu jinghataw biss minn Qorti mhux minn Tribunal. Fl-ahhar jghid li l-Avviz Legali 276/2012 li fuqha strah it-Tribunal fid-decizjoni tieghu jipprovdi ghal obbligu tat-Tribunal li jiehu kont ta' sitwazzjoni li tista' twassal ghal ingustizzja, oppressivita u sproprozjon manifest.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Jibda biex jinghad illi l-appellant mhux ghal kollox korrett illi t-Tribunal ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex ma kellux jew ma setax jikkonsidra l-aggravju tal-appellant kif maghmula fir-rikors tal-appell tieghu. Hu principju assodat fil-gurisprudenza illi din il-Qorti tikkunsidra aggravji li gew imqajma quddiem it-Tribunal u mhux aggravji ohra li ma tqajmux izda qed jigu ventilati biss f'dan l-istadju.

Quddiem it-Tribunal l-appellant ilmenta li l-multa giet imposta bla ragunament ghaliex gie impost f'dak l-ammont u ma ittiehidx kont li l-infrazzjonijiet kienu zghar komparati mal-entita tal-izvilupp u facilment sanabbli. Ghalhekk il-multa kellha tkun proporzjonata ghall-infrazzjoni. Quddiem il-Qorti l-appellant ressaq in parti l-istess ilment u qed jallega in oltre li l-multa hi wahda punittiva li tista' tinghata mill-Qorti biss u illi kull multa trid tinghata bit-tharis tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn tal-ahhar ma sarux quddiem it-Tribunal u r-rimedju ghal tali sottomissjonijiet ma kienux f'kull kaz jinstabu f'decizjoni quddiem Tribunal ghalkemm kompost skont il-ligi. Ghalhekk dawn il-partijiet tal-aggravju mhux ser jigu kunsidrati.

L-aggravju tal-appellant ghalhekk hu fis-sens illi t-Tribunal ma tax spjegazzjoni ghaliex giet imposta dik l-entita ta' multa meta tqis l-entita tal-infrazzjoni u li hi facilment sanabbli. B'sostenn ta' dan l-appellant jissottometti illi l-Avviz Legali 276/12 li fuqu strah it-Tribunal isegwi l-istess principju.

It-Tribunal qies dak li jghid l-Avviz Legali 276/12 fir-regolament 2 fejn fl-ghazla bejn il-multa sanatorja ghal hrug tal-permess u l-multa ta' kuljum b'referenza ghall-avviz ta' enforzar ECO 01/15 ghazel l-oghla wahda kif jitlob l-istess regolament u ghalhekk qies l-impozizzjoni bhala regolari. Pero l-Qorti tifhem li l-appell tal-appellant ma kienx jekk il-multa kinitx wahda legali almenu kif imposta l-appell quddiem it-Tribunal, izda jekk it-Tribunal kellux iqis jekk tali multa kinitx gustifikata anki skont ma issottometta fl-appell quddiem il-Qorti fl-ambitu tal-Avviz Legali 276/12 stess. It-Tribunal naqas milli jqis l-aggravju kif impostat u dan b'referenza ghal dak li jipprovdi l-Avviz Legali 276/12 illum 552.24, u waqaf biss fuq il-korrettezza legali tal-multa meta l-appell ma hux dwar dan.

Il-Qorti ma tqis li ghandha hi tqis l-aggravju u tuza d-diskrezzjoni li ghandu t-Tribunal f'materja simili billi tkun qed iccahhad lil appellant mid-dritt tad-doppio ezame.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Alfred Zarifa in linea ma' dak deciz minn din il-Qorti u filwaqt li tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Gunju 2021, tirrinvija l-atti quddiem it-Tribunal biex jerga' jqis l-appell fil-parametru biss ta' din is-sentenza. Spejjez ghall-Awtorita.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur